F'egħluq il-ħamsin sena mill-mewt tiegħu

# Tliet Novelli Minsija ta' Ġużè Bonnici

*Oliver Friggieri*

L-ISEM ta' Dr. Ġużè Bonnici fil-ġrajja tal-letteratura Maltija hu marbut ma' tliet aspetti. Huwa wieħed mill-fundaturi, flimkien ma' sieħbu Dr. Rużar Briffa, ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Huwa ħa ħsieb jippubblika fi tliet kotba poeżiji ta' Dun Karm bejn l-1939–40, u kiteb daħla għalihom li turi l-qima u l-ħbiberija kbira ta' bejniethom. Huwa wkoll l-awtur ta' għadd ta' rumanzi u ta' novelli tipiċi tal-letteratura ta' dik il-ħabta.

Hawn jinteressana dan it-tielet aspett tiegħu, u l-aktar bħala kittieb tan-novelli jew stejjer qosra. Bonnici wkoll jidħol fil-ġemgħa tal-kittieba Maltin li kitbu bit-Taljan. Aktarx li l-aħjar xogħol tiegħu bit-Taljan huwa "La pazza", novella mogħtija t-tieni post fl-ewwel konkors imniedi mill-*Malta Letteraria*, u mxandra bħala estratt tar-rivista f'Ġunju 1927. It-tema tal-"ġenn" sabet diwi ieħor fil-kitba tiegħu bil-Malti.

Ġużè Bonnici jirrappreżenta bis-saħħa kollha lil dak il-grupp ta' kittieba li trawmu fl-Università u li riedu jagħtu dinjità letterarja lill-ilsien Malti, waqt li xtaqu joffru struttura biex din id-dinjità tieħu xejra akkademika wkoll; għalhekk kellu sehem kbir fit-twaqqif ta' għaqda tal-Malti fi ħdan l-Università fl-1931. Bonnici joffri eżempju mill-aħjar ta' kittieb mirqum, ħerqan li jiskopri fil-ħażna lessikali Maltija dawk l-irkejjen u dawk il-profonditajiet moħbija li kienu għadhom iridu jingħarfu bil-għaqal. Fil-proża tiegħu hemm sforz wieħed bla waqfien biex tinstab idjoma Maltija "safja", fis-sens ta' idjoma matura u stabbli li tidħol bla tbatija u bi ħsieb fi ħdan il-binja sintattika. Din il-binja, f'idejn Bonnici, għandha x-xejriet partikulari tagħha. Għandha mill-aptit klassiku daqskemm mill-aptit romantiku; fil-qofol tagħha, hi binja li trid tgħolli l-livell tal-kitba u tat-taħdit, livelli li jitbiegħdu minn xulxin mingħajr ma jitilfu d-dehra ta' xulxin.

L-esperjenza medika tiegħu, għad li relattivament qasira, tinsab fin-nofs tad-dehra li jagħti tal-ħajja. Huwa t-tabib li qiegħed jikteb (bħalma ġara lil Briffa), iżda huwa t-tabib "liriku", sentimentali u kommoss quddiem il-fatti tax-xjenza. Huwa jikteb il-proża b'qalb ta' poeta. F''L-Iżvilupp tal-Letteratura Maltija', taħdita ta' Briffa ta' l-1949, imxandra għall-ewwel darba fi ktieb tiegħi dwar Briffa fl-1974, huwa jitkellem dwar il-qari letterarju tagħhom, u jgħid li "Bonnici kien miġnun fuq ir-rumanzi u n-novelli Taljani". L-ambjent universitarju kellu sehem kbir fit-trawwim ta' eduk-

azzjoni letterarja serja, li hi fil-fatt l-isfond kulturali ta' bosta mill-aħjar kittieba. Iżda din hi regola naturali u magħrufa, u student tal-mediċina ma setax ma jitlobx minnu nnifsu rigorożità simili fil-qasam tal-kitba. Dak li ma kienx "naturali" għal kollox f'dik il-ħabta kien it-twemmin qawwi ta' Bonnici, u ta' kotra ta' oħrajn fi ħdan l-Għaqda studenteska, li l-ilsien Malti għandu jirtoqom, jinkiteb tajjeb u jikber f'lingwa ta' kultura għolja. Għalhekk qajla jistgħu t-tliet aspetti differenti msemmija li jsawru l-persunalità ta' Bonnici jinfatmu minn xulxin. Għandhom ilkoll l-egħruq tagħhom imxettlin fil-ħamrija tal-konvinzjoni li l-imħabba lejn il-Malti kienet teħtieġ ukoll "ix-xjenza" tal-Malti. Għalhekk l-Għaqda, u għalhekk ukoll il-ħidma ta' Bonnici fost l-istudenti; għalhekk ukoll il-ħerqa tiegħu biex ixandar l-aħjar xogħlijiet letterarji bil-Malti miktuba sa żmienu. Għalhekk ukoll ir-rabta intima tiegħu ma' Dun Karm.

Dawn in-novelli aktarx minsija, li l-familja Bonnici għoġobha tagħtini kopja tad-dattiloskritt u tal-manuskritt tagħhom, jistgħu jixħtu dawl ieħor fuq xejriet ta' l-istil u tal-viżjoni tal-ħajja tiegħu. Għandhom juru l-interessi umanitarji daqskemm l-aspirazzjonijiet letterarji tal-kittieb, u għalhekk li nixtieq li jixxandru u li jidhru flimkien. Jikkompletaw il-kwadru tiegħu daqskemm iwessgħuh biex iħaddan spazji li mhux dejjem jidhru fil-bqija. Il-letterat mirqum, sikwit l-istilista tipiku ta' l-epoka, it-tabib, l-osservatur diskret u wkoll impenjat, u fuq kollox il-bniedem tajjeb li jixtieq li l-problemi jinħallu: dawn u xejriet oħrajn jidhru fl-aqwa tagħhom hawn u jintrabtu ma' bosta waqtiet simili oħra.

Is-sehem ta' Bonnici, sikwit romantiku u sentimentali, idealista konvint, sikwit realista fid-direzzjoni tan-narrativa Taljana ta' tmiem is-seklu dsatax, huwa importanti għaliex jinkludi kemm lir-rumanz u kemm lin-novella, ġeneru aktarx imġenneb minn għadd ta' kittieba Maltin. Bħal Ellul Mercer, Bonnici jersaq lejn ir-ritratt żgħir ta' qagħda, iżda qatt m'hu ritratt istantanju. Għall-kuntrarju, huwa ritratt studjat minn qabel, frott l-osservazzjoni u s-sentiment. Għalhekk bil-pubblikazzjoni tagħhom il-qarrej hu mistieden iqis x'ried jagħmel l-awtur fil-qasam tal-kitba Maltija daqskemm fil-qasam tat-tematika. Hi ħarsa li jixraq li tingħata f'egħluq il-ħamsin sena minn mewtu fl-1940.

## FIL-KAMRA TAL-MEJTIN

*novella ta' Ġużè Bonnici*

Dawl kaħlani mgħajjeb, imsieħeb f'diqtu mad-diqa li kienet taħkem setgħana f'din il-kamra bla wens, kien iħalli jixirfu mid-dalma tar-

rkejjen imdella tliet iġsma mimduda u merħija fit-telqa tal-mewt fuq irħama tawwalija mrekkna mal-ħitan; iżda kien jirkaċċa l-bjuda kiesħa ta' sura mċajpra ta' bniedem mgħottija b'liżar fuq mejda fin-nofs tal-kamra, il-mejda ta' l-isbar. Riħa qarsa tad-diżinfettant imħallta ma' dik melliesa tal-ħaxix u ma' l-oħra ratba u mfewħa tal-fjuri mdomma f'kuruni u msawra fi slaleb kienet timla mżarġna l-imkejjen kollha u kien donnha qisha l-hija waħdiena li setgħet tolqot il-ħsus imwaħħxa ta' min jirfes il-għatba u jidħol hemm ġew. Kull ftit waqtiet, taqtira ilma, b'ħoss qawwi mkabbar għal elf darba mill-ħemda tal-lejl, kienet taqa' mill-vit laxk ġo lenbija tal-fuħħar bajdani.

Il-kamra kienet magħluqa u l-għassies tagħha, mirbuħ mill-għaja u mħannen mis-sikta, kien inġabar f'kamartu u ntasab f'soddtu bil-bruda tad-drawwa wara li ta l-aħħar daqqa t'għajn imħeddla fuq l-iġsma mejta mitluqa f'idejh biex iħarishom minn kull għajb u biex, jekk qatt xi wieħed minnhom juri l-iċken ħjiel ta' ħajja, jagħtih l-għajnuna meħtieġa. Fuq l-irħama mdeffsa mal-ħajt biswit il-bieb ewlieni kien mimdud raġel irqajjaq u twil, imdaħħal fiż-żmien, b'wiċċu sfajran u mqit u bil-qasma ta' ħalqu milwija 'l isfel fit-trufijiet bħal dik ta' wieħed li qatt kien jew kien jaħseb li kien, xi ħaġa kbira; kien liebes libsa tas-sarġ iswed, b'ingravata f'għonqu ħamranija marbuta ħażin, u msellta f'ġenb wieħed u f'waħda mill-peduni suwed li kienu jgħattu saqajh imħeddla, kien hemm toqba ġmielha donnha mkabbra mill-bjuda ta' ġilditu. Idejh kienu msallba fuq sidru u mdawra b'kuruna tar-rużarju taż-żebbuġ u lħitu kienet marbuta b'maktur ma' rasu. Ma' ġenbu fl-art kien hemm tebut ta' l-abjad miżbugħ minn lewn il-kewba b'biċċa landa msammra fuq il-għatu b'kitba fiha: Ġanni Gatt, 73 sena.

Mal-ħajt lemini, fuq irħama mixquqa, kien hemm donnu rieqed żagħżugħ mibni b'saffejn, wiċċ smajjar, xofftejn miġbuda f'nofs tbissima, għajnejn magħluqa, idejn mitluqa ma' ġenbu. Mill-qatgħa ta' ħwejġu u mill-għadd ta' kuruni madwaru kien jidher li ma kienx imqaxqax għall-aħħar u li ħbiebu ħassew it-telfa tiegħu. Salib tal-ward ħamrani kien mimdud fuq sidru u marbut miegħu b'ċoff tal-ħarir abjad b'biljett żgħir bi ftit kliem fuqu: Lil Ġorġ qalb ta' qalbi. Quddiem dan imkebbeb minn għonqu 'l isfel f'liżar tax-xoqqa u b'biċċa karta ("Mikiel Dimek, 59 sena, B'Kara") mehmuża fuq sidru f'labra tas-sarwan, kien rieqed l-aħħar raqda bla tmiem raġel imgħaddam u b'wiċċ mixrub li kien jixhed mid-dehra tiegħu l-jiem ta' għaks u ta' ġuħ li kienu għaddew minn fuqu; għajnejh imberrqa u mwerrċa ma kinux sabu id ħanina li tniżżlilhom tebqiethom u ħalqu mbewwaq kien iħalli 'l min jara erba' sinniet imferrxa u mqabbża u mperrċa minn ħanek niexef u bajdani: l-ebda kuruna, l-ebda fjura ma kienet tidher qaribu.

F'siegħa lejl, il-leħen mitfi ta' qniepen fil-bogħod kemm kemm waslu jxellfu l-ħemda ta' dil-kamra u t-tmiem tad-diwi tagħhom ġew mgħottija

mid-daqq qawwi tal-qniepen ta' parroċċa fil-qrib. Leħenhom dewa setgħani fis-sikta mirbuħa u l-ħġieġ tat-twieqi bħal triegħed bid-damdim tagħhom. X'ħin dawn intfew baqgħu jaslu minn hawn u minn hemm l-aħħar ilħna mbiegħda tal-knejjes imxerrda mal-gżira.

Ma' l-ewwel daqqa bħal reżħa u żiffa daħlu mgħaġġla mix-xquq tal-bieb u kaxkru minn tarf għal ieħor tal-kamra ftit werqat niexfa u mqarqċa, id-dawl kaħlani mdendel minn ħabel fin-nofs tbandal u tàjjar minn fuqu qatta dubbien maqtugħ u maħsud f'ngħasu, il-liżar li kien igħatti l-mejda ta' l-isbar tperper u tmewweġ u l-bibien tħabbtu u żaqżqu. Bħal xi ħaġa bla dehra u bla sura kien donnha daħlet fil-kamra u mliet il-wisa' kollu biha. Id-dubbien wieġeb għal dik il-ħasda b'żarżir bla heda u nfirex ma' kullimkien ifittex imkien fejn l-aktar jistrieħ bis-sliema. Waħda minnhom niżlet għajjiena u għatxana fuq imnieħer Mikiel Dimech u nifdithulu biex terda' qatra demm.

– Ah! lanqas hawn m'hawn mistrieħ?! – gerger b'leħen mitfi oħxon u waħħaxi Mikiel Dimech wara li tmeżmeż u ħarrek wiċċu bil-ħasda taħt dik il-gidma qalila, għalaq kemmxejn għajnejh l-imwerrċa bħal donnu biex ibill il-boċoċ tagħhom bid-dmugħ u berraħhom, u ġebbed u fettaħ u tawwal u bexxaq ħalqu biex iħoll mill-ebusija kiesħa u jrattab il-laħam ta' wiċċu. Imbagħad bil-qajla għolla mill-ġdid it-tebqiet t'għajnejh u, fil-waqt li telaq il-għajn qrib il-ħajt għal riħha, dawwar l-oħra mal-kamra u fela bla għaġla kull ma waqa' taħt ħarsitha. Tbissem u reġa' kixef l-erba' sinniet imqabbża u maħmuġin – Hawnhekk m'aħniex weħidna! għall-inqas ikolli ma' min inqatta' siegħa żmien ngħidu kelmtejn . . . Donni ilni rieqed sena . . . L-uġigħ għab, u dik in-nixfa, u dik il-ħedla bla mistrieħ . . . u tgħid li kont beżgħan mill-mewt . . . Iblah!!! – Fuq dik il-kelma mitfugħa lilu nnifsu ġabar kemm żebliħ jista' jiġma' l-leħen tal-bniedem u bil-kemm ma kienx wieħed jistenna li jarah jaqla' idu u jieħu 'l wiċċu b'xebgħa ħartiet. U mhux żgur m'għaddilux dan il-ħsieb minn moħħu u ġietu dix-xewqa f'idu għax dak il-ħin intebah kemm kien imqartas ħelu f'dak il-liżar – Hawn fiex sarrewni? – Refa' ftit rasu, lewa rasu u wiċċu 'l isfel, tefa' ħarstu fuq ġismu – Imkeffen b'liżar! mur obsor għal Lonza! mank sabet biċċtejn ħwejjeġ għand regettier biex ideffsuni fihom . . . B'rasha jdur jekk qatt ifettlilha tersaq tarani għax naqla' sieqi nixħethielha għal rasha. Hekk jew hekk issa 'l sieqi m'għandix x'nambiha . . . ara aħjar naraw kif neħilsu u noħorġu daqsxejn minn dan il-qartas . . .

B'ċaqliq żgħir u bi tkagħwiġ ħafif, bħal dudu wasal fi żmien bdil qoxrietu, ifettaħ dirgħajh biex iwassa' u jħoll ir-rabta tal-liżar u jtawwal għonqu 'l barra biex igħaġġel il-waqt tal-ħelsien, Mikiel Dimech kien fi żmien qasir għoddu wasal biex joħroġ idejh u jikxef sidru. U ta' bniedem li kien ra kull

ma tagħti d-dinja u dak il-ħażin kollu li fiha u li sar jieħu kollox bil-bruda, kien qiegħed jagħmel dan kollu bil-qajla u jitkellem ħiemed miegħu nnifsu – Xejn, xejn, b'dan it-taħbit wieħed isaħħan ftit demmu u jrattab ġismu . . . Kieku, matul ħajti, għarfu jżoqquni tajjeb daqs kemm qartsuni sewwa wara mewti, ma kienx ikun hawn għalina . . . imma ħej fid-dinja, għall-fqir m'hemmx ħniena . . . xogħol, xogħol biss . . . lanqas iħalluk tedha ftit bil-ġmiel tal-ħolqien t'Alla . . . x'jien ngħid! lanqas ituk żmien kemm tibla' bukkun bil-kwiet, inizzluhulek tosku . . . Jien bl-istonku kien imissni mitt, mhux b'sieqi . . . xi trid tagħmel! . . . sieqi għoġobha tissewwes! . . . Fl-aħħar għoddna ħlisna . . . liżar bħal dan lil Lonza jaħjiha . . . Kif, lanqas qmis?! Lonza! eh Lonz kif għasartli qalbi bi mġibtek, kemm insejtni malajr . . . – Tebqet għajnejn Dimech teptpu bid-diqa u l-boċoċ tagħhom tgħammdu bi star tad-dmugħ, ħalqu ġġebbed u ttawwal u wiċċu tkemmex u mtela snug imħarbta. U deher donnu jibki bikja ħiemed u jolfoq sieket. Bil-qajla refa' l-id waħdiena meħlusa mill-jasar tar-rabta tal-liżar, ressaqha lejn wiċċu, u bil-qiegħ tagħha għolla lilu nnifsu. Imbagħad b'ġibda qawwija għal għarrieda ħeles l-oħra u b'ħafna taħbit u tqanżiħ, qam bil-qiegħda; il-liżar, maħlul u merħi, iżżerżaq minn fuq il-qafas ta' sidru, waqa' fuq ħoġru u kixef ġabra ta' għadam imwaqqfa bil-ħniena u miksija b'rita rqiqa ta' ġilda niexfa sewdiena. Dimech dawwar ħarstu madwaru u mit-tbandil ta' rasu u ċ-ċaqliq ta' ħalqu deher li kien hieni bl-imkien fejn sab ruħu u bis-sħab ġodda li kixef ma' ġenbu. Imbagħad għajnejh niżlu fuq sidru għeri u waqgħu fuq il-liżar mitluq f'ħoġru. U mill-ġdid bħal sħaba ta' diq il-qalb għaddiet minn fuq swied wiċċu u ħalliet fuqu maħżuża bil-qawwi t-tħarbit tagħha. Iżda f'daqqa waħda bħal xi ħaġa moħbija u mbiegħda li tixref minn qalb ħafna tħarbit u tissielet u titqabad biex tegħleb it-tfixkil kollu u tersaq quddimija u mżarġna, hekk deher fuq wiċċ Dimech id-dell ta' tbissima riesqa. Fil-bidu bħal donnu ried irażżanha, jostorha; u x-xewqa tiegħu kienet mikxufa mit-tiġbid ta' ħalqu u mit-titwil ta' għonqu u t-tibdil ta' wiċċu; imbagħad bħal iċċassa mitluf jaħseb xi ħaġa għariba u minn taħt l-ilsien gerger: U kieku, immurilha mkeffef f'dan il-liżar min jaf Lonza kemm tlebbet u twerżaq!. . . Ix-xbieha ta' Lonza mwerwra u maħruba quddiem il-għajnejn ta' moħħu dehret hekk ridikola li għarxitlu u qanqlitlu l-mogħża tad-daħk, ġegħlitu jinsa kollox u jinfexx f'daħka li damdmet mal-kamra u ċaqalqet u riegħdet il-bibien u t-twieqi. Bil-keffa t'idu l-lemenija għatta malajr il-fetħa ta' ħalqu u ħanaq u tefa l-ħsejjes li kienu ħierġa minnha; fi żmien qasir kien donnu wasal fix-xewqa tiegħu u ħabat sejjer iniżżel idu u jikxef ħalqu iżda mewġa oħra ta' daħk, aktar qawwija u mimlija minn ta' qabilha, reġgħet rikbitu u kisret il-ħemda tal-kamra siekta u mudlama.

– Biżżejjed!

Dimech indehex, inħasad. Id-daħka għabet minn fuq fommu; is-sfura ta' wiċċu żdiedet, il-ħedla ta' ġismu kotrot u għajnejh imwerrċa u mberrqa ġrew miġbuda minn fejn ħarġet il-għajta. Din kien donnha ġiet minn fejn kien mimdud, biered fit-telqa tal-mewt, Ġorġ iż-żagħżugħ; iżda għalkemm Dimech flieh kollu kemm hu u għasses għall-iċken bidla fuq wiċċu ma kixef xejn li sata' jqawwilu l-ħsieb li dik l-għajta li regħxitu kienet ġejja minnu. Id-dawl imgħajjeb ta' ħarstu u d-dalma setgħana tal-kamra ma ħallewhx jintebaħ bil-leħħa ċajtiera li kienet tostor daħkana wiċċ Ġorġ.

## L-OĦLA KELMA!

*novella ta' Ġużè Bonnici*

Għaddiet l-ewwel ġimgħa, u t-tieni, u t-tielet, u magħhom għebu tgħidx kemm-il tama u ħolma li, bħal kewkba feġġa, dawlu għal ftit sigħat ix-xefaq sewdieni u mgħajjeb ta' Nerik Kassar. Hu ma kienx ibleh u, bi tbissima ta' mogħdrija, kull meta kien jaqbad lilu nnifsu joħlom imqajjem u jittajjar ferrieħi fuq il-ġwienaħ irqaq u dgħajfa ta' xewqatu, kien iliġġem ruħu u jwissiha (qisu għandu f'idejh tarbija tarja x'iħares u x'imexxi fit-triq it-tajba) ma temminx li sa jilħaq fi ftit jiem, f'art barranija, dak li ma seħħlux jikseb f'xiber artu. U għalkemm mhux darba u tnejn qara mlebleb fuq ix-xorti li messet lil ħaddiema bħalu, fqajrin u maħqura minn riżqhom bħalu mwarrbin qalb ġenshom u bit-togħma qarsa tal-ġuħ f'ħalqhom, li mix-xejn, tarġa tarġa, bil-qawwa biss tar-rieda u tal-għaqal, waslu fil-quċċata tas-setgħa u saru milordi, hu la basar u anqas stenna li sejjer jilħaqhom. Hu ma kienx rgħib, ma riedx daqshekk. Ried biss isib ix-xogħol, jibda jaħdem, jiġma' xi ħaġa u mbagħad jerġa' għal Malta jieħu 'l dik li rabtet qalbha miegħu u, b'sabar ta' qaddisa, qagħdet tistenna l-waqt li tiżżewġu.

"Mur," kienet qaltlu, b'leħenha ħlejju maħnuq bid-diqa, "mur, u Alla jżomm idejh fuqek. Qalbi tkun miegħek u ma nixbax nistenniek, ukoll 'kk naf li xagħri jibjad u wiċċi jimtela tikmix." U wara ftit, bi tbissima u b'ħarsa li regħduh, saqsietu: "Tkun tridni, imbagħad?"

Hu, b'xirftu kollha, baża' jweġibha bil-kliem li ma jmurx jinfaqa' f'bikja quddiemha, u għafsilha idha u rassielha ma' qalbu bil-ħerqa.

U hu telaq, ifittex li jkebbes ġo qalbu l-maġmar tal-mibegħda għal aħwatu l-Maltin biex ma jitnikketx għall-firda minn art twelidu, iqajjem it-tifkiriet kollha ta' għaks, ta' ġuħ, ta' qgħad u ta' żebliħ biex inixxfulu d-dmugħ qabel jixirfu f'għajnejh u jikxfulu r-rabta ħanina għal dik ir-roqgħa

fejn trabba li b'xejn ma sata' jħoll. U ma' tul it-triq tat-tarfien kien jieqaf jitgħaxxaq bid-dehriet sbieħ li jolqtu u jgħammxu u jkabbar il-kobor tagħhom u jżid ġmielhom biex fl-irqiq ta' qalbu jidħak bih innifsu u jmaqdar u jkasbar lil Malta, ħalli dak it-tkasbir u dak it-tmaqdir iberrdulu l-ġibda lejha u jtajru minn fuqu s-swied ta' qalb li ried jifnih. U biex jistabar mit-telfa ta' ħanintu, fejn dari kien jaħrab il-ħolm fieragħ, il-lum beda jiġri warajh u jibni, fuq sisien tat-tajn, id-dejr għani li kellu jilqa' mħabbtu.

Wasal fl-aħħar fil-belt kbira li kien qiegħed fuqha l-miża ta' ħajtu u berbaq, biex jilħaqha, il-ftit flus li kien seħħlu jiġma'. U beda jiġġerra mat-triqat jittallab ix-xogħol f'ħanut dieħel u minn ieħor ħiereġ, jagħti ismu lil għaqda għall-ksib tax-xogħol u jikteb lil oħra li taqbeż għall-ħaddiema qegħdin. Imma kollox għalxejn; ħafna kliem ta' tama, ta' mogħdrija, u mill-bqija xejn. Il-jiem igerbbu, il-flus jonqsu, it-tamiet jinħallu, il-ħolm jiġġarraf; u magħhom Nerik Kassar beda jitlef kull fiduċja fih innifsu u f'ħiltu, u beda jibki bluhitu talli tbiegħed minn niesu fejn għallanqas, jekk ma kienx isib ix-xogħol, kelma tajba li tfarrġu u loqma ħażina li xxebbgħu kien isibhom dejjem.

Hu, qabel telaq, kien ħaseb għal kollox; imma moħħu mimli mill-aħbarijiet li l-emigranti kienu jibagħtu lil qrabathom, kien twebbel li, fl-agħar ħaġa li tista' tiġrilu, kien jibqa' xi ħmistax bla xogħol, u ġabar flus kemm igħaddi mqanċeċ tliet ġimgħat. U issa, dawn it-tliet ġimgħat, twal u qosra fl-istess ħin, kienu waslu fi tmiemhom.

Il-belt kbira kienet miżgħuda bi ħlejjaq ta' kull ġens, ħawtiela u ħabrieka, iħaffu mat-triqat biex jaqdu dmirhom bla ma jħabblu rashom fuq għajrhom; iżda hu kien iħossu mitluf u jistħajlu mjassar u magħluq fuq biċċa għuda titbandal ħiemda mal-mewġ lubien ta' baħar barri u bla tarf; u bħal nawfragu kellu jgħakkes ruħu biex itawwal il-ħażna ta' ġidu sakemm ifeġġ fix-xefaq mudlam id-dawl tal-ħelsien. Naqqas l-ikel, qata' t-tipjip, ħarab kull nefqa żgħira; u b'dan kollu, it-tmiem ta' kulma kellu kien qiegħed joqrob b'għaġla tal-biża'.

Illum, it-tielet Sibt f'din il-belt, stenbaħ bil-mewt ġo qalbu għax kien jaf li kellu jitlaq il-kmajra fejn sab il-kenn u l-mistrieħ ħalli l-ftit xelini li kien fadallu jerfagħhom għall-ikel. Imma l-aħħar ħaġa li kienet therrilu qalbu ma kenitx din il-firda daqs kemm il-ħsieb li llum kellu jibgħat aħbaru lil niesu biex iżomm il-wegħda li tahom qabel siefer li, ikun fejn ikun u jiġrilu x'jiġrilu, jiktbilhom darba fil-ġimgħa. X'jaqbad igħidilhom? Itarrfilhom il-hemm li jinsab fih u li riżqu ħażin kien għadu jaħqru u li minflok il-ġid u x-xaba' li stenna ma sabx għalih ħlief il-għaks u l-ġuħ? Idardrilhom it-togħma ħelwa tal-għana fil-qrib u jdewwaqhom il-morr li anqas felaħ iġarrab hu? Le. Ukoll li kien jaf li idu, fit-tħarbix tal-gideb ħanin, tinħaraqlu,

hu ma jibagħtilhomx għajr aħbarijiet tajba u jagħtihom b'minnhom ftit mill-ħolm fieragħ li fl-aħħar sahriet ta' għożża kien lemaħ idawlilhom ħbub għajnejhom.

U waħda wara l-oħra; niżżlilhom fuq biċċa karta bajda u bierda l-aħbarijiet li jhennuhom u li lilu kienu qegħdin jiftħulu ġrieħi jikwu ġo qalbu. Xogħol ħafif, mgħallem ħanin, ħlas tajjeb; ftit kien jonqsu biex iħarrfilhom li stagħna u li ma jdumux ma jarawh quddiemhom b'tagħbija deheb. Issa beda jħoss bħal għaxqa jikteb dawn il-ħrejjef li kienu jweġġgħuh u jġarrab bħal ħlewwa qarsa jaħqar lilu nnifsu. Kulħadd kien bejtu u żebilħu; ma kenitx ħaġa kbira li hu wkoll jingħaqad magħhom u jieħu lilu nnifsu bil-ħarta u jgħaddi ż-żmien bl-egħżeż ħsus ta' ruħu u jobrox u jġedded il-ġrieħi ta' qalbu. Kien ħaqqu! Ibleh! Jitwaħħam li sa jagħleb xortih! Jemmen li dak li ma seħħlux f'art twelidu sejjer iwettqu f'art barranija! Ħaqqu! Li ma beżax li jħassibhom ħażin u jitlef kollox kien aktar ipinġilhom sabiħa l-ħajja li kien għaddej u aktar iroxxilhom bit-tlellix imdieheb li ma sab imkien biex iżjed igħakkes lil Nerik Kassar. Għax għal ftit waqtiet stħajlu nfired mis-sura ta' ġismu u ma għanetx bi ftit biex ikattar l-imrar u jqawwi l-uġigħ tiegħu.

X'ħin temm il-kitba ta' l-ittra u għalaqha, tefagħha f'butu u ħareġ 'il barra. Issa, id-daqsxejn ta' tqanqila waqt it-tħarbix ta' l-ittra birdet għal kollox u qalbu kienet sewda u mnikkta għall-aħħar. Ġibed lejn it-triq ewlenija bil-ħsieb li jedha b'xi ħaġa u jinsa tiġribu. Kieku biex jedha kien hemm, iżda għajnejh ma bdewx jaraw ħlief it-triq imwiegħra ta' ħajtu u widnejh ma semgħux għajr it-tilwim ta' ruħu għajjiena u għatxana għal kelma ta' faraġ. Il-bankina kienet maħnuqa bin-nies, ġejjin u sejrin, iħaffu u jgħaġġlu bla waqfien u bla heda; kienet qisha miknusa minn żewġ ħamliet, waħda ġejja u oħra sejra; u hu kemm-il darba nqabad minn waħda minnhom u kien misjuq bla rieda. Anqas kellu ħila jieqaf u jagħżel waħda minnhom hu; merħi, meħdul, kien iħalli ruħu jimxi fejn titfgħu r-rassa; ukoll li kien jaf li t-triq maqbuda kienet twassal fi rdum, ma kienx iħarrek sebgħu biex jieqaf fix-xifer u jeħles mit-tiġrif.

Qatt daqs il-lum id-dinja ma dehritlu sewda u qatt daqs il-lum ma ħass qawwija x-xewqa tal-wens u l-qrib ta' niesu, ta' kelma tajba mtennija b'ilsienu. Mindu tbiegħed minn artu, widnejh ma thennewx bil-ħoss ħelu daqs il-għasel u xaħxieħi daqs l-ilma ġieri ta' l-ilsien Malti u dan in-nuqqas kattarlu d-dwejjaq tiegħu u ħarraxlu l-ħsieb ħeddieli li qiegħed waħdu. Xtaq jibki biex iserraħ il-mili ta' qalbu muġugħa, xtaq jitniehed u jgħajjat biex jitfi l-ilfiq u l-krib ħiemed ta' ruħu mdejqa, iżda għajnejh niexfa u griżmejh bla leħen tawh sura ta' xbieha bla ħoss, ta' bniedem biered qiegħed jara quddiemu ġrajja li f'xejn ma tmissu. Mhux hekk minn ġewwa. Mitlufa kull tama ta'

ġid, magħluqa t-triqat kollha li jieħdu għall-kisba tal-hena, Nerik Kassar kellu jiesu maqtugħ għal kollox u li kieku dal-ħin xi ħadd resaq fuqu jistaqsih x'irid, ma kienx jitolbu għajr in-nisi, il-mewt, il-qirda tiegħu nnifsu.

Kien miexi b'għajnejn miftuħa li ma jarawx u b'ċaqliq waħdu ta' ġismu għajjien. Bil-falda tal-kappell mgħabbar imniżżla fuq ħuġbejh, bil-leħja twila ta' ħamest ijiem, b'idejh fil-bwiet tal-qalziet, issa jaħbat ma' dan u issa jolqot ma' ieħor, kien miexi qalb il-ġemgħa bla ma kien jaf. Il-belt kbira u bierda li ċaħditlu rokna dellija u fetħitlu beraħ it-triqat wiesgħa kienet hemm quddiemu, imħabbta żżejjed bil-ħlejjaq tagħha biex tħabbel rasha fuqu, barrani, wild art oħra. U hu din il-bruda kien iħossha tkessaħlu demmu u titliflu l-ġamra tal-ħajja, kienet titfgħu mirbuħ f'dagħbien bla qiegħ. It-tifkira ta' niesu ċċajpret, il-ħsieb ta' Malta għeb fil-bgħid. Ma kienx fadallu ħlief il-qies tax-xejn tiegħu, tal-frugħa ta' ħajtu . . .

Ħabta qawwija heżhżitu kollu u ġibitu f'sensih u fakkritu fejn kien. Għal daqsxejn ma waqax. Xi ħadd laqat miegħu. Dawwar wiċċu ħafif fil-qawmien ta' rġulitu u fittex jagħżel il-flien li messu hekk bil-herra. Lemaħ dell ta' żagħżugħ samrani u godli għaddej u sama' leħnu, leħen bil-Malti, iċanfru mdagħdagħ u iebes għax ħaseb li ma jinftihemx: "Bhima, ma tarax fejn timxi?!"

Nerik Kassar ma saħanx. Ġibed nifs qawwi. Għajnejh imtlew bi dmugħ ta' faraġ, ta' tama, ta' hena. Dak il-leħen! . . . Dak l-ilsien! . . . Mela ma kienx waħdu f'dik il-belt kbira u bierda.

Bħal għamad ikreh waqa' minn quddiem ħarstu u kollox beda jieħu sura aktar ħelwa, aktar ħanina. Refa' wiċċu lejn is-sema u ħass is-sħana fietla tax-xemx tbusu fuq ġbinu. Ħassu jieħu r-ruħ u msaħħaħ għat-taqbida . . .

U xewqet Nerik Kassar ma damitx ma kienet mitmuma.

## ANNA DVORAK

*novella ta' Ġużè Bonnici*

ANNA Dvorak, jiena fuqek ma naf xejn u lanqas ma kont inkun naf ismek li kieku, biex naqdi dmiri, ma kellix inniżżlek ma' l-għadd ta' dawk li jinġiebu bil-għaġla fl-Isptar minn idejn ħanina. Fil-waqt li kont qiegħed nikteb ismek, qasir bħal ħajtek u qawwi bħal imħabbtek, fuq dik il-biċċa karta bajda, stħajjiltni qed nifrex u nonxor mit-tarf tal-pinna tiegħi ċoff sewdieni biex iħabbar l-għali tat-telfa tiegħek u l-ħoss tal-brix tal-pinna fil-kitba, imkabbar mis-skiet tal-lejl, deherli li hu t-tfaqqigħ taċ-ċoff iperper mar-riħ.

Kienet l-ewwel darba li rajtek, u l-aħħar. Tfajla mitluqa minn tulha fuq sodda bajda b'nixxiegħa demm aħmar ħierġa minn ħalqha. Ma kinetx l-ewwel darba li għajnejja mdorrija raw ix-xbieha ta' tmiem ħajtek fi tfajliet oħra u idejja bla setgħa u bla ħila kellhom jibqgħu marbuta fuq sidri; iżda d-dehra tiegħek, ma nafx għaliex, ma nafx kif, laqtitni u ħakmitni u għasritni taħtha. Naħseb li kienet dik il-ħarsa tiegħek, ħarsa ta' bniedma marbuta ma' ħajjitha u mnebbha li kienet sejra titlifha u li ma kienx hemm aktar tama għaliha, ħarsa ta' bniedma b'jiesha maqtugħ titlob il-ħajja, li messitli qalbi; jew dik l-għajta maħnuqa li xħettli ma' wiċċi, għajta ta' talba, għajta ta' ċanfira, x'ħin ħassejtek tnin u tintelaq, li rabtitni miegħek. Jien ma fhimtx l-għajta tiegħek, jien ma nafx b'ilsienek, imma fhimt il-ħoss tagħha daqs li kieku fhimt kliemha u għadni nħossha tidwi f'widnejja . . .

Int, minn fejn int, issa taf sewwa li jien ma kelli l-ebda ħtija, li jien, li kien minni, mhux biss kont inżomm il-ħarba u l-firda ta' ruħek minn ġismek, imma kont nagħmlek qawwija mill-ġdid u kont nagħnik, bla xaba', bis-sabiħ u bit-tajjeb kollu li tista' tagħti l-ħajja biex narak tqum minn fuq dik is-sodda mtabbgħa mid-dmija u ferrieħa bħalma kont qatt; u jien kont nagħmel dak kollu miegħek mhux għax int jismek Anna Dvorak jew għax xagħrek dehbi u mġiegħed ifakkarni f'medda sbul immewġa minn żiffa ħelwa sajfija, jew għax il-ħmura ta' xofftejk u ta' ħaddejk midbiela li saħħru taħt għajnejk f'ħajjithom issa donnhom rebħu s-sfura tal-mewt jew għax issa difrejk, twal u rqaq u msinna u miżbugħa donnhom jidħlulu fil-laħam il-ħaj; le, le, Anna Dvorak mhux għalhekk; imma għax fik rajt ix-xbieha ta' bniedma maħqura minn xortiha, ix-xbieha ta' bniedma mitlufa li trid tissielet biex tegħleb u tirbaħ dak li kien hemm merfugħ għaliha, ix-xbieha ta' bniedma għajjiena mitluqa f'idejn barranija u bla wens ta' qalb maħbuba. Dan kollu li għadda minn quddiem għajnejja f'leħħa ta' berqa msieħeb mal-ħarsa ta' ħniena u ta' biki u ma' l-għajta ta' talba u ta' ċanfira, imlieni ħasra għalik u naqqax it-tifkira tiegħek fil-qiegħ ta' qalbi.

Għalhekk id-dehra tiegħek ma tridx titbiegħed minn quddiemi u ma tridx tgħib fid-dalma u l-bruda ta' l-imgħoddi.

Il-laqgħa tagħna kienet qasira, mill-aktar qasira. Setgħu kienu t-tlieta jew l-erbgħa ta' fil-għodu, aktarx l-ewwel milli t-tieni għax il-ħemda u d-dalma kienu għadhom isaltnu rebbieħa. Ma nistax ngħid jekk kontx lubien jew rieqed, naf biss li t-taħbit imgħaġġel fuq il-bieb il-kbir ta' l-Isptar, iċ-ċempila qawwija u d-damdim tal-muftieħ idur fis-serratura u ż-żaqżiq tal-bieb jinfetaħ u l-ħoss ta' ħafna ilħna smajthom kollha daqs li kieku kont imqajjem. Imdorri f'dil-ħajja ma ridtx wisq biex nifhem dak li kien qiegħed jiġri. Qbiżt minn soddti, ilbist ħafif u hejjejt ruħi biex ninżel. Mhux għax ħsibt jew bsart li hemm int Anna Dvorak, imma għax kont naf li bniedem

jew bniedma bħali kien qiegħed f'tiġrif ta' ħajtu u kien jinħtieġ l-għajnuna ta' xogħli.

Inżilt imgħaġġel minn kamarti u f'tarf it-taraġ sibt is-soru Taljana tal-għassa. Bi tbissima bierda ta' waħda marbuta mar-rieda t'Alla u li xejn m'għadha tara bi kbir qaltli minn taħt ilsien: "*muore, sa, poverina!*" u bla ma stenniet tweġiba mingħandi daret u mxiet quddiemi biex twassalni ħdejk; ma kienx hemm għalfejn din l-anġlu tal-ħniena turini t-triq għax linja ħamra ta' demm ma' l-art kienet tixhed il-mogħdija ta' ġismek merħi fit-telqa tal-mewt. Fuq sodda mdawla u mtebbgħa bid-dmija sibt lilek imħeddla; int ma tħarriktx, iżda x'ħin waħda infermiera fehmitek li jien kont it-tabib dawwart wiċċek lejja u leħħa ta' tama feġġet għal ftit f'dawk għajnejk imħollma. Iżda xi stajt nagħmillek jien, Anna Dvorak, jekk b'daqqa ta' għajn biss stajt nintebah li kellek il-pulmuni kollha mherrija u mimsusa u li demmek kien ħiereġ minn ħalqek qisu nixxiegħa wara ħalba xita! Ma stajt nagħmel xejn u qalbi ngħafset bil-ħniena u bl-inkejja. Għandu mnejn li dak li ħassejt ġo fija deher f'xi bidla ta' wiċċi bħalma kemm-il darba int rajt xbihetek il-misluta f'mera tilma, għax dak il-ħin kien li inti tajtni dik il-ħarsa u xħettli dik il-għajta li ma nista' ninsa qatt. Iżda ma ridtx li inti tintilef bla għajnuna ta' xejn. Amartlek il-morfina, is-silġ, ħwejjeġ oħra li jgħaqqdu d-demm u jnaqqsu u jwaqqfu t-telfa tiegħu; kollu għalxejn u b'ċaqliqa miftiehma ta' rasi lis-soru ta' l-għassa ġibtlek il-kappillan u l-griżma.

Għadni niftakar, qisni qed narak quddiemi ħajja, it-tbissima mqarrsa ta' fommok x'ħin smajt it-talb u rajt il-kappillan ma' ġenbek, tbissima mqarrsa mhux għax ma fraħtx bik imma għaliex ħassejt li kull tama għalik kienet għabet u b'dik it-tbissima mqarrsa ta' logħob tellief li ma tistax tiġik waħda tajba u li stabar għat-telf tiegħu dort fuq it-tabib tar-ruħ u quddiemna lkoll b'Taljan imgħawweġ, għidtlu "molto . . . peccati . . . fame . . ." Kollna qima u ħasra twarrabna minn ma' ġenbkom u stabarna għat-telfa riesqa ta' ġismek bid-dehra tat-tisfija ta' ruħek. U ma nafx jekk hux għax għajnejja qarrqu bija, naf biss, Anna Dvorak li ħajtek aktar sabiħa milli qatt dehret, li ġmielek kollu, quddiem raġel mogħni bil-għaxqa tiegħek, deherli li qed narak tirqaq tirqaq, titlef leħnek u surtek, u ssir donnok xbieha taċ-ċpar imħanna f'idejn tar-riħ bħal sħaba bajdana mitluqa fil-wisa' u fil-beraħ tas-smewwiet ma' dħul iż-żerniq.